**SEDUTA NRU. 30**

**Is-Sibt, 12 ta' Diċembru, 1998**

## Deċiżjoni tas-Sedja dwar punt imqajjem mill-Onor. Alfred Sant, Kap tal-Oppożizzjoni dwar il-ħin tal-interuzzjoni

## RULING TA' MR SPEAKER

**MR SPEAKER:** Il-punt imqajjem mill-Onor Alfred Sant, Kap ta' l-Oppożizzjoni, hu li l-f'nofsinhar skada l-ħin tad-diskussjoni u l-Kamra kellha tiġi aġġornata.

L-Ordni Permanenti Nru 9 jgħid li:

> "Il-ħin stabilit għall-interruzzjoni ta' xogħol ikun fid-9.00 p.m. kemm-il darba l-Kamra ma tkunx ordnat xort'oħra."

Ġaladarba l-Kamra ma ordnatx xort'oħra, la permezz tal-Mozzjoni ta' Proċedura 31 u lanqas permezz ta' xi arranġament jew ftehim ieħor, huwa l-Ordni Permanenti Nru 9 li għandu jirregola l-ħin ta' l-interruzzjoni ta' din is-seduta.

Għaldaqstant is-seduta tissokta. L-Onor. Anġlu Farrugia.